MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1375/1993/2

**Carmela armla minn Emanuel Zammit f'isimha propju ghal sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, u bhala legittima rapprezentanti ta' bintha minuri Liana Zammit peress li din twieldet fit-11 ta' Jannar, 1979; Kif ukoll Paul Zammit u Mary mart Joseph Ebejer, dawn l-ahhar tlieta bhala l-werrieta skond il-ligi ta' missierhom Emanuel Zammit**

**vs**

**Emanuel Bonello bhala kontrollur u b'nota tat-28 ta' Jannar, 2004 qed jassumi l-atti Mr Raymond Gatt, kontrollur tal-Bical minflok il-kontrollur precedenti Emanuel Bonello tal-Bank of Industry Commerce & Argiculture Ltd u b'digriet tat-18 ta' Mejju, 1994, gew kjamati in kawza, Cecil Pace u Henry Pace**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fl-14 ta' Ottubru, 1993, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

Emanuel Zammit – ir-ragel tal-attrici Carmela Zammit u missier l-atturi l-ohra – fit-13 ta' Awissu, 1972, kien iddepozita mal-konvenut *nomine*, somma flus ammontanti ghal Lm10,000, bl-imghax ta' sitta fil-mija fis-sena, ghal liema somma l-konvenut *nomine* irrilaxxja dokument bankarju pagabbli fit-13 ta' Awissu 1973 li kien jinkludi s-somma ta' Lm10,600 (ghaxart elef, u sitt mitt lira Maltija) rapprezentanti kapital ta' Lm10,000 u Lm600 interessi ghal sena, kopja legali ta' liema dokument bankarju qed tigi hawn annessa u markata *"Dokument A"*;

L-original tal-istess dokument bankarju *"Dokument A"* kien gie esebit fil-kumpilazzjoni *"Il-Pulizija vs Cecil Pace et"* fit-28 ta' Frar, 1973, meta l-imsemmi Emanuel Zammit ta' x-xhieda tieghu f'dik il-kawza u gie immarkat mill-Qorti fl-atti tal-kawza bhala dokument *"pppppp"*.

Fid-data li fih kellu jissarraf l-istess dokument bankarju, l-konvenut *nomine* naqas illi jonorah u ghadu sa llum ma hallasx lill-atturi fil-kapacita' taghhom premessa, la s-somma imsemmija u anqas l-imghaxijiet li ddekorrew fuqha mit-13 ta' Awissu, 1973 sa llum.

L-atturi ghandhom id-dritt illi jithallsu minghand il-konvenut *nomine* kemm il-kapital kif ukoll l-interessi li ddekorrew min dak inhar li mmatura d-depozitu sa llum.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut *nomine* huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' ghaxart elef u sitt mitt lira maltija (Lm10,600); u

2. Konsegwentement tikkundannah ihallas lill-atturi is-somma ta' ghaxart elef u sitt mitt lira (Lm10,600) dovuta kif fuq spjegat, bl-interessi kummercjali mit-13 ta' Awissu, 1973 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut *nomine* minn issa ngunt biex jidher u ghas-subizjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa eccepixxa illi:

1. Id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez *stante* illi l-ammont reklamat mhux passiv mal-bank billi ma jirrizultax mill-kotba tal-istess bank. Li seta' gara huwa li d-direttur tal-bank ghamel in-negozju mal-awtur tal-atturi biss u mhux f'isem il-*Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited*. Infatti inhareg *cheque* jew cedola minn Cecil Pace u ghalhekk il-kreditu huwa passiv biss ma' Cecil Pace u Henry Pace li innegozjaw mal-awtur tal-atturi biss fil-kwalita' taghhom personali. *In vista* ta' dan l-istess ahwa Pace ghandhom jigu kkjamati *in kawza*.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Mejju, 1994, li in forza taghha gew kjamati fil-kawza l-ahwa Cecil u Henry Pace;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza li in forza taghha huma eccepew illi;

1. Il-preskrizzjoni kwinkwennali ghat-termini tal-paragrafi (d), (e) u (f) tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili (Kap. 16) u tal-artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13).

2. Fil-konfront tal-attur, huma m'ghandhomx ir-rapprezentanza guridika tal-*Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited*, li hija vestita fil-kontrollur Emanuel Bonello.

3. Minghajr pregudizzju, is-self *in kwistjoni* kien tranzazzjoni personali bejn l-attur u l-konvenuti personalment, kif jidher ukoll car mic-cekk esebit mac-

citazzjoni, u ghalhekk dan id-debitu mhux passiv tal-*Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited*.

4. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, hemm difetti serji fil-forma tat-talbiet attrici li rrenduhom insostenibbli u jew nulli u minghajr effett skond il-ligi u ma jistawx jigu proposti validament kontra l-konvenuti f'din il-kawza bil-mod kif proposti.

5. It-talbiet attrici kontra l-konvenuti ma jistaw qatt jigu milquha fuq il-premessi dedotti fic-citazzjoni u huma neqsin mill-premessi mehtiega fil-ligi.

6. L-eccipjenti ghandhom jigu liberati peress illi t-talbiet attrici ma iregghux fir-rigward taghhom.

7. Fi kwalunkwe kaz it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

8. L-atturi stess riedu li ssir tranzazzjoni personali u mhux mal-bank.

9. Jekk passiv personali tal-eccipjenti jigi dikjarat bhala passiv tal-bank meta fil-fatt la huwa passiv tal-bank u l-flus ma gewx depozitati mal-bank, dan ikun ta' pregudizzju enormi ghad-depozitanti kollha tal-bank billi fir-*"ranking of creditors"* l-ewwel ghandhom jithallsu d-depozitanti tal-bank imbaghad jithallsu minn dak li jifdal il-kredituri personali tal-eccipjenti skond il-ligi.

10.Kif kienu jafu ben tajjeb l-atturi l-ebda bank ma kien jaghti imghax bir-rata ta' sitta fil-mija fis-sena jew ghola minn dik permessa skond il-ligi bankarja.

11.Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat li s-smigh tal-provi f'din il-kawza kien gie sospiz u eventwalment interrot *in vista* tal-Att XVII tal-1995 li kien dahal *in vigore* fit-8 ta' Novembru, 1995;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-23 ta’ April, 1998, li in forza tieghu l-Qorti ordnat lir-Registratur tal-Qorti jirrimetti din il-kawza quddiem il-Bord imwaqqaf bl-artikolu 7 tal-imsemmi Att XVII tal-1995;

Rat id-digriet tal-imsemmi Bord tat-3 ta’ Marzu, 2003, li in forza tieghu wara li qies li skond is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta’ Frar, 2003, fl-ismijiet *“Cecil Pace et vs Avukat Generali”* (rik. Numru 549/96) li ddecidiet illi l-kawzi kollha li kienu gia ntavolati fid-data tad-dhul fis-sehh tal-Att XVII tal-1995 - *cioe’*, id-9 ta’ Gunju, 1995 – ghandhom jitkomplew bl-iter normali taghhom u skond il-ligijiet allura vigenti quddiem l-istess Qorti fejn gewipprezentati; wara li qies ukoll li din il-kawza giet istitwita qabel id-9 ta’ Gunju, 1995, u giet ipprezentata quddiem Qorti ta’ dan il-pajjiz; astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din il-kawza u ordna lir-Registratur biex jirrimetti lura l-process quddiem l-istess Qorti fejn originarjament giet ipprezentata l-kawza sabiex il-kawza tissokta u tigi deciza minn dik l-istess Qorti;

Rat in-nota tal-atturi tat-23 ta’ Marzu, 2004, li in forza taghha irriducew it-talba taghhom ghal Lm5,796;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta f’dan il-kaz li Emanuel Zammit, l-awtur tal-attur, kien *“silef”* is-somma ta’ Lm10,000 lil Cecil Pace u dan peress li dan kien qallu li gheluq sena kien jaghtih Lm600 imghax fuqhom. Fil-fatt, id-depozitu f’idejn Cecil Pace sar fit-13 ta’ Awissu, 1972, u dak il-hin is-Sur Pace hareg *cheque* ta’ Lm10,600, u ntestah favur Emanuel Zammit u martu, liema *cheque* hu datat 13 ta’ Awissu , 1973. Dan mhux l-ewwel darba li l-ahwa Pace ghamlu negozju ta’ din

ix-xorta, tant li sussegwenti ghal-gheluq tal-*BICAL*, saru diversi proceduri minn persuni li kellhom f'idejhom *cheques* simili, fejn talbu dikjarazzjoni li l-ammont indikat fuq ic-*cheques* kien passiv tal-Bank u mhux tal-ahwa Pace personalment. Dan sar peress illi kull meta sar depozitu b'dan il-mod, l-ahwa Pace flok iddepozitaw il-flus f'kont mal-Bank, kienu jzommu l-flus huma u johorgu *cheque* fuq il-*BICAL* ghal-ammont tad-depozitu *piu'* l-imghax. B'dan il-mod, il-klient ma kienx ikollu *deposit pass-book* tal-Bank, izda *cheque* mahrug mill-ahwa Pace jew xi hadd minnhom. F'kaz simili, L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc b'sentenza moghtija fil-25 ta' Ottubru, 1984, fil-kawza fl-ismijiet <u>"Captur et vs Mifsud Bonnici noe et"</u>, kienet iddecidiet li dak l-agir tal-ahwa Pace kien wiehed frawdolenti peress li, bhala fatt, gew impoggija flus fil-Bank, izda dawn il-flus ma gewx indikati bhala passiv tal-Bank minhabba ingann *da parti* tal-ahwa Pace, li kienu diretturi tal-istess Bank. Dik l-Onorabbli Qorti kienet iddikjarat li d-depositu kellu, allura, jitqies bhala passiv tal-Bank.

Ghalkemm kien hemm okkazzjonijiet fejn il-Qrati taghna hadu linja differenti fuq bazi ta' *"sospett ta' komplicita"* bejn il-klient u l-ahwa Pace, *in linea* generali l-gurisprudenza hi fis-sens li f'sitwazzjoni simili id-dejn hu tal-Bank u mhux tal-ahwa Pace personalment. Il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti decizjonijiet: <u>"Caruana vs Pace et"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Jannar, 1983; <u>"Falzon vs Pace et"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-21 ta' Jannar, 1983; <u>"Fonk vs Mifsud Bonnici noe"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-19 ta' Mejju, 1983; <u>"Grech vs Pace noe"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Frar, 1985; <u>"Frendo vs Bonello noe"</u>, deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-19 ta' April, 1993; <u>"Mizzi vs Bonello noe"</u>, deciza ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Jannar, 1993; <u>"Agius vs Bonello noe"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Novembru, 1993; <u>"Camilleri vs Bonello noe"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Ottubru, 1995; <u>"Mizzi vs Bonello noe"</u>, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Gunju, 2003, u, fl-ahhar nett, <u>"Muscat vs</u>

Bonello noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar, 2003, fejn gie konfermat il-principju li kull ma jaghmlu d-diretturi jorbot lill-Bank u *kwindi cheque* mahrug mill-ahwa Pace huwa passiv tal-*BICAL* u mhux personali.

F'dan il-kaz, ghalkemm jidher li Emanuel Zammit kellu kuntatti ohra personali mal-ahwa Pace, tant li xtara dghajsa minghandhom u anke silef xi flus li Cecil Pace, dan id-depozitu partikolari jidher li kellu jkun depozitu bankarju, u mhux self ghal-uzu personali tal-ahwa Pace. Fil-fatt, Cecil Pace, wiehed mid-diretturi tal-Bank, spjega li l-flus baqghu fil-bank, u kienu depoziti tal-klient, *pero'*, fuq isem huh, Henry Pace. Il-flus xorta wahda kellhom ix-xejra ta' depoziti bankarji mal-*BICAL*. Ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li l-flus gew pacuti jew li l-eredi tad-depozitarju ma baqghux intitolati ghal dawk il-flus, u dana mill-Bank. Ma jirrizultax lanqas li l-flus depozitati kellhom jithallsu ghat-*trawler* mixtri mid-depozitarju, u fil-fatt, meta t-*trawler* inbiegh lill-terzi, il-bilanc mill-prezz kien hadu l-Kontrollur li b'hekk iddetermina dik il-kwistjoni.

*Inoltre*, f'dan il-kaz, hemm ix-xhieda tal-Kontrollur precedenti tal-*BICAL*, l-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici, li stqarr li minn indagini li ghamel fil-kotba tal-Bank u tal-kumpaniji assocjati mal-Bank, kien irrizultalu li l-bilanc kien ghadu dovut u kien passiv tal-Bank, tant li hu kien hallas 20% tas-somma *on account*. Fil-fatt, Dr. Mifsud Bonnici kien ikkonferma skrittura redatta minnu li tindika l-hlas *on account* li kien ghamel fuq ic-*cheque* mahrug favur Emanuel Zammit.

Il-Qorti tinnota wkoll, ghal kull buon fini, li meta lis-Sur Zammit inghata c-*cheque* ghas-somma ta' Lm10,600, dan ic-*cheque* ma kienx juri bic-car li *non si trattava* ta' *bank draft* jew cedola tal-*BICAL*. Minbarra li c-*cheque de qua* huwa *cheque* semplici mahrug mill-*BICAL* li fuqu hemm il-firma ta' Cecil Pace, ma hemm proprju xejn x'jindika, hlief il-firma imsemmija u naturalment in-numru tal-akkont, li dan ma kienx *bank draft*. Min-numru tal-akkont wahdu d-depozitant ma jkunx f'pozizzjoni li jkun jaf li dan l-akkont ikun jappartjeni lil xi hadd partikolari jekk ma jaghmilx verifika specifika. Ghalhekk hu probabbli wkoll li l-klient

kien, fic-cirkostanzi, indott minn Cecil Pace jahseb li c-cekk kien dokument li bih huwa baqa' kreditur tal-Bank.

Il-Qorti, ghalhekk, tqies li t-talba attrici, kif ridotta, timerita li tigi milqugha. Fid-dawl ta' din il-konkluzzjoni, mhux mehtieg li l-Qorti tistharreg l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza peress li dawn sejrin jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, fl-ewwel lok, tillibera lill-kjamat fil-kawza Cecil Pace u Henry Pace mill-osservanza tal-gudizzju, u fit-tieni lok, billi tilqa' *in parte* it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut *nomine* ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm5,796 (hamest elef u seba' mija u sitta u disghin liri Maltin), bl-interessi legali mit-13 ta' Mejju, 1981, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut *nomine*, hlief dawk konnessi mal-kjamati fil-kawza li ghandhom jigu sopportati minnhom stess.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------